



C/2024/5619

30.9.2024

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Awwissu 2024 – Hypo Vorarlberg Bank vs SRB**

(Kawża T-369/23) <sup>(1)</sup>

**(“Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti ditti ta' investiment (SRM) – Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) – Deċiżjoni tas-SRB dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2023 – Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 – Rikors manifestament infondat – Limitazzjoni tal-effetti tas-sentenza ratione temporis”)**

(C/2024/5619)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Hypo Vorarlberg Bank AG (Bregenz, l-Awstrija) (rappreżentanti: G. Eisenberger, A. Brenneis u J. Holzmann, avukati)

**Konvenut:** Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (rappreżentanti: J. Kerlin, C. Flynn u D. Ceran, aġenti, assistiti minn B. Meyring u T. Klupsch, avukati)

**Intervenjenti insostenn tal-kovenut:** Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: J. Etienne u G. Bartram, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Haunold, A. Westerhof Löfflerová u J. Bauerschmidt, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) SRB/ES/2023/23 tat-2 ta' Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-2023 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF), sa fejn tikkonċernaha.

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) SRB/ES/2023/23 tat-2 ta' Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-2023 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) hija annullata sa fejn tikkonċerna lil Hypo Vorarlberg Bank AG.
- 2) L-effetti tad-Deċiżjoni SRB/ES/2023/23 jinżammu sa fejn tikkonċerna lil Hypo Vorarlberg Bank sakemm is-SRB ikun ħa l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dan id-digriet, u dan f'perjodu raġonevoli li ma jistax jaqbeż is-sitt xhur mill-jum li fih dan id-digriet isir definittiv.
- 3) Is-SRB għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Hypo Vorarlberg Bank.
- 4) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 314, 4.9.2023.